Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,022, 7 ta' Diċembru, 2000
Taqsima B

A.L. 251 ta' l-2000

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)

Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-I*sports*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 203 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-I*sports*, u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1978 biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-I*sports*, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 88 ta' l-1978.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tifsira ta' "*ground* ta' l-i*sports*" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, il-partita (m) tagħha għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-partita (n), u minnufih wara l-partita (l) għandha tiżdied din il-partita (m) ġdida li ġejja:–

"(m) Centenary Stadium – Ta' Qali; u".